



European Securities and  
Markets Authority

# Linji gwida

**dwar il-metodoloġija, il-funzjoni ta' sorveljanza u ż-żamma ta' rekords  
skont ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji**



## Werrej

1. Kamp ta' applikazzjoni .....	2
2. Referenzi leġiżlattivi .....	3
3. Għan.....	4
4. Obbligi ta' konformità u rapportar .....	5
5. Linji gwida dwar il-metodoloġija, il-funzjoni ta' sorveljanza u ż-żamma ta' rekords .....	6
5.1 Linji gwida dwar id-dettalji ta' kwalunkwe metodoloġija li għandha tintuża biex jiġi ddeterminat parametru referenzjarju kritiku jew sinifikanti f'ċirkostanzi eċċezzjonali skont l-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-Artikolu 2(1)(l) tar-Regolament Delegat dwar il-Metodoloġija .....	6
5.2 Linji gwida dwar bidliet materjali fil-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat parametru referenzjarju kritiku jew sinifikanti skont l-Artikolu 13(1)(c) u (2) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament Delegat dwar il-Metodoloġija.....	7
5.3 Linji gwida dwar il-funzjoni ta' sorveljanza għall-parametri referenzjarji kritiċi u sinifikanti skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat dwar il-Funzjoni ta' Sorveljanza.....	7
5.4 Linji gwida dwar ir-rekwiżiti taż-żamma ta' rekords skont l-Artikolu 8(1)(e) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji .....	7
6. Emendi għal-Linji gwida dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti .....	8



## 1. Kamp ta' applikazzjoni

### Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 40(2) u (3) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-amministraturi kif definiti fl-Artikolu 3(1)(6) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji.

### X'inhu?

2. Il-linji gwida stabbiliti fit-Taqsima 5 japplikaw fir-rigward tal-Artikoli 5, 8(1)(e), 13(1)(a), 13(1)(c) u (2) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji, l-Artikoli 2(1)(l) u 4(1)(c) tar-Regolament Delegat dwar il-Metodoloġija u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat dwar il-funzjoni ta' Sorveljanza.
3. Il-linji gwida stabbiliti fit-Taqsima 6 jemendaw il-paragrafi 12 u 27(i) tal-linji gwida tal-ESMA dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti<sup>1</sup> ("Linji gwida dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti").

### Meta?

4. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-31 ta' Mejju 2022.

---

<sup>1</sup> Linji gwida dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti skont ir-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji, ippubblikati fl-20 ta' Diċembru 2018, ESMA70–145–1209.



## 2. Referenzi leġiżlattivi

<i>Metodoloġija tar-Regolament Delegat</i>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1641 tat-13 ta' Lulju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi jew sinifikanti dwar il-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat il-parametru referenzjarju, ir-rieżami u l-approvazzjoni interni tal-metodoloġija u dwar il-proċeduri biex isiru bidliet materjali fil-metodoloġija <sup>2</sup>
<i>Regolament Delegat dwar il-funzjoni ta' sorveljanza</i>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1637 tat-13 ta' Lulju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-proċeduri u l-karatteristiċi tal-funzjoni ta' sorveljanza <sup>3</sup>
<i>Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji</i>	Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 <sup>4</sup>
<i>Regolament tal-ESMA</i>	Ir-Regolament (UE) 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE <sup>5</sup>

---

<sup>2</sup> ĠU L 274, 5.11.2018, p. 21.

<sup>3</sup> ĠU L 274, 5.11.2018, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1

<sup>5</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

### 3. Għan

5. Dawn il-linji gwida stabbiliti fit-Taqsima 5 huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-oġġettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jiġu stabbiliti Prattiki Superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi fhdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-rekwiżiti relatati ma' bidliet materjali fil-metodoloġija, l-użu ta' metodoloġija alternattiva f'ċirkostanzi eċċezzjonali u l-funzjoni ta' sorveljanza. B'mod partikolari, dawn il-linji gwida jilħqu dawk l-oġġettivi billi jistabbilixxu qafas trasparenti għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi u sinifikanti meta jikkonsultaw dwar bidliet materjali fil-metodoloġija jew jużaw metodoloġija alternattiva f'ċirkostanzi eċċezzjonali, flimkien ma' funzjoni ta' sorveljanza adegwata. Barra minn hekk, il-linji gwida għandhom l-għan li jiżguraw l-applikazzjoni komuni u konsistenti tar-rekwiżiti taż-żamma ta' rekords relatati mal-użu ta' metodoloġija alternattiva għall-amministraturi kollha tal-parametri referenzjarji.
6. Il-linji gwida stabbiliti fit-Taqsima 6 huma bbażati fuq l-Artikoli 5(6) u 13(4) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jemendaw il-Linji gwida eżistenti dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti, f'konformità mal-linji gwida l-ġodda introdotti għall-amministraturi ta' parametri referenzjarji kritiċi u sinifikanti, fir-rigward tal-funzjoni ta' sorveljanza u l-użu ta' metodoloġija alternattiva f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

## 4. Obbligi ta' konformità u rapportar

### Status tal-linji gwida

7. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.
8. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa superviżorji tagħhom, inkluż fejn linji gwida partikolari jkunu maħsuba primarjament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, għandhom jiżguraw li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-linji gwida.

### Obbligi ta' rapportar

9. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw mal-linji gwida.
10. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.

Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

11. L-amministraturi mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

## 5. Linji gwida dwar il-metodoloġija, il-funzjoni ta' sorveljanza u ż-żamma ta' rekords

5.1 Linji gwida dwar id-dettalji ta' kwalunkwe metodoloġija li għandha tintuża biex jiġi ddeterminat parametru referenzjarju kritiku jew sinifikanti f'ċirkostanzi eċċezzjonali skont l-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-Artikolu 2(1)(l) tar-Regolament Delegat dwar il-Metodoloġija

1. Amministratur ta' parametri referenzjarji kritiċi jew sinifikanti jew, fejn applikabbli, familja ta' parametri referenzjarji għandu jispeċifika, bħala parti mid-dettalji ta' kwalunkwe metodoloġija li għandha tintuża f'ċirkostanzi eċċezzjonali, mill-inqas l-elementi li ġejjin, sa fejn ikunu rilevanti għal dak il-parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji jew għad-*data* tal-input użata biex jiddeterminaha:

- (i) il-prinċipji ġenerali għall-identifikazzjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk possibbli kkumplementati b'eżempji ta' dawk iċ-ċirkostanzi. Eżempji mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jkunu: avvenimenti ta' negozjar, bħal interruzzjonijiet tan-negozjar jew għeluq mhux mistenni tas-suq, li jirriżultaw f'nuqqas ta' likwidità tas-suq jew volatilità tas-suq mhux komuni; bidliet fil-konvertibbiltà tal-munita li jistgħu jwasslu biex is-sorsi tad-*data* tat-tranżazzjonijiet ma jkunux biżżejjed, mhux preċiżi jew affidabbli; restrizzjonijiet fuq il-flussi kapitali mħabbra minn pajjiż, għeluq ta' skambji, interventi tal-gvern, pandemija jew katastrofi naturali li jirriżultaw f'perjodi eċċezzjonali ta' stress;
- (ii) sa fejn ikun possibbli, il-modi alternattivi biex jiġi kkalkulat il-parametru referenzjarju f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew kwalunkwe element ewlieni tal-metodoloġija li jista' ma jitwettaqx f'dawk iċ-ċirkostanzi;
- (iii) sa fejn ikun possibbli, il-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe metodoloġija li għandha tintuża f'ċirkostanzi eċċezzjonali, filwaqt li jitqies it-tip ta' assi sottostanti tal-parametru referenzjarju pprovdut;
- (iv) sa fejn ikun possibbli, ir-raġunament wara l-użu ta' kwalunkwe metodoloġija msemmija fil-punt (iii) hawn fuq, b'kont meħud tal-kamp ta' applikazzjoni ta' tali metodoloġija;
- (v) sa fejn ikun possibbli, il-perjodu ta' żmien li matulu kwalunkwe metodoloġija msemmija fil-punt (iii) hawn fuq hija mistennija li tintuża biex jiġi kkalkulat il-parametru referenzjarju;
- (vi) jekk l-użu ta' kwalunkwe metodoloġija msemmija fil-punt (iii) ta' hawn fuq huwiex mistenni li jkollu impatt fuq il-valur tal-parametru referenzjarju.

5.2 Linji gwida dwar bidliet materjali fil-metodoloġġja użata biex jiġi ddeterminat parametru referenzjarju kritiku jew sinifikanti skont l-Artikolu 13(1)(c) u (2) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament Delegat dwar il-Metodoloġġja

2. Amministratur ta' parametri referenzjarji kritiċi jew sinifikanti jew, fejn applikabbli, familja ta' parametri referenzjarji għandu jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li l-perjodu ta' żmien iqsar li fih tista' ssir konsultazzjoni dwar bidliet materjali proposti fil-metodoloġġja tal-amministratur ikun madankollu adegwat biex jippermetti lill-utenti u lill-utenti potenzjali tal-parametru referenzjarju jivvalutaw il-bidliet materjali proposti.

3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-perjodu ta' żmien iqsar imsemmi fil-paragrafu 2, amministratur għandu jqis il-kumplessità u n-natura tal-bidliet proposti, l-impatt li jkollhom fuq il-parametru referenzjarju u l-urġenza tal-implimentazzjoni tagħhom.

4. Il-proċeduri għal konsultazzjoni f'perjodu ta' żmien iqsar għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar biżżejjed biex l-utenti u l-utenti potenzjali tal-parametru referenzjarju jkunu jistgħu jifhemu x'inhuma l-passi tal-proċess ta' konsultazzjoni.

5.3 Linji gwida dwar il-funzjoni ta' sorveljanza għall-parametri referenzjarji kritiċi u sinifikanti skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Delegat dwar il-Funzjoni ta' Sorveljanza

5. Sabiex jiġi żgurat li l-funzjoni ta' sorveljanza tkun magħmula minn membri li flimkien ikollhom il-ħiliet u l-għarfien espert xierqa għas-sorveljanza tal-forniment ta' parametru referenzjarju partikolari u għar-responsabbiltajiet li l-funzjoni ta' sorveljanza hija meħtieġa tissodisfa, amministratur ta' parametri referenzjarji kritiċi u sinifikanti għandu jiżgura li, sa fejn ikun possibbli skont il-governanza tal-funzjoni ta' sorveljanza, il-membri tal-funzjoni ta' sorveljanza flimkien ikollhom ħarsa ġenerali u fehim adegwati tat-tipi differenti ta' utenti tal-parametru referenzjarju u l-kontributori tiegħu u jkunu jistgħu jeżerċitaw kif xieraq ir-responsabbiltajiet tal-funzjoni ta' sorveljanza.

6. Meta l-funzjoni ta' sorveljanza titwettaq minn persuna fiżika, il-paragrafu 5 ma japplikax.

5.4 Linji gwida dwar ir-rekwiżiti taż-żamma ta' rekords skont l-Artikolu 8(1)(e) tar-Regolament dwar il-Parametri Referenzjarji

7. Għal kwalunkwe devjazzjoni mill-metodoloġġja standard, amministratur ta' parametri referenzjarji kritiċi, sinifikanti u mhux sinifikanti għandu jżomm rekords ta':

(i) il-perjodu ta' żmien tad-devjazzjoni;

(ii) ir-raġunament wara d-deċiżjoni ta' devjazzjoni;

(iii) il-proċess ta' approvazzjoni tad-deċiżjoni ta' devjazzjoni.



## **6. Emendi għal-Linji gwida dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti**

8. Il-Linji gwida dwar parametri referenzjarji mhux sinifikanti huma emendati kif ġej:

(1) Tiżdied il-linja gwida li ġejja:

(27a) Għall-finijiet tal-punt (i) tal-linja gwida 27, amministratur ta' parametru referenzjarju mhux sinifikanti jew familja ta' parametri referenzjarji mhux sinifikanti għandu jispeċifika dan li ġej, fejn applikabbli:

(i) il-prinċipji ġenerali għall-identifikazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali;

(ii) sa fejn ikun possibbli, sommarju ta' metodi alternattivi biex jiġi kkalkulat il-parametru referenzjarju f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew kwalunkwe element ewlieni tal-metodoloġija li jista' ma jitwettaqx f'dawk iċ-ċirkostanzi;

(iii) sa fejn ikun possibbli, il-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe metodoloġija li għandha tintuża f'ċirkostanzi eċċezzjonali, filwaqt li jitqiesu l-assi sottostanti tal-parametru referenzjarju pprovdut;

(iv) sa fejn ikun possibbli, ir-raġunament wara l-użu ta' kwalunkwe metodoloġija msemmija fil-punt (iii) hawn fuq, b'kont meħud tal-kamp ta' applikazzjoni ta' tali metodoloġija.

(2) Il-Linja gwida 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

Il-funzjoni ta' sorveljanza għandha tkun magħmula minn wieħed jew aktar membri li flimkien ikollhom il-ħiliet u l-kompetenzi xierqa għas-sorveljanza tal-provvista ta' parametru referenzjarju partikolari u għar-responsabbiltajiet li l-funzjoni ta' sorveljanza hi meħtieġa tissodisfa. Il-membri tal-funzjoni ta' sorveljanza għandu jkollhom għarfien xieraq tas-suq sottostanti jew tar-realtà ekonomika li l-parametru referenzjarju jfittex li jkejje u, sa fejn ikun possibbli, anki tat-tipi differenti ta' utenti tal-parametru referenzjarju u l-kontributori tiegħu.